MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2007

Numru 1404/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN BORG**

**KONTRA**

**JOSEPH GATT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Joseph Gatt ta’ 24 sena, bin Generoso u Josephine nee’ Sciberras, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-22 ta’ Jannar, 1982, residenti fil-fond imsejjah Chambery, Triq Alfredo Cachia Zammit, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 83282M

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

Talli f'dawn il-Gzejjer, u cioe' f'Dicembru 2006, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:
1. Bhala ufficjal ta' operatur postali li agixxa bi ksur tad-dikjarazzjoni bil-gurament, liema gurament sar skond id-Disposizzjoni tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 254 – Att dwar is-Servizzi Postali, u dan bi ksur tal-Artikolu 75 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammmissjoni tieghu;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikoli 30 u 75 tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imsemmi imputat Joseph Gatt hati, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------